# L-Arloġġ tal-Lira

## *Xogħol bl-idejn maħdum minn Rudolph Cauchi*





Dan l-arloġġ oriġina ġo pajjiżna għall-aħħar tas-seklu 17. Huwa magħmul mill-injam b'diversi passati ta' ġips fuqu, bull u indurat bid-deheb u jiġi mpitter il-kulur ħalli joħroġ id-disinn. Titpitter ukoll ix-xena tan-nofs li normalment tkun dik ta' postijiet jew natura lokali u wara titwaħħal il-magna tal-arloġġ. Insibu diversi minnhom b'ħafna għamliet differenti ta' disinni li wasluh għal dak li nafuh illum minn ġenerazzjoni għall-oħra tul dawn l-aħħar tlitt mitt sena. Għalkemm din is-sengħa kienet naqset xi ftit tidher li qed terġa' tqum fuq saqajha. Importanti li meta jsibu posthom la jkunu diretti għax-xemx u anqas f'post ta' umdità għaliex għandek il-ġips ( xi ħaġa statika) applikata fuq l-injam ( xi ħaġa ħajja) li jaf ikun hemm diversi reazzjonijiet.

L-arloġġ tal-Lira li ħa ismu għaliex kien jiswa Lira huwa biċċa xogħol ta' arti li tiddistingwi lil pajjiżna fl-arti tiegħu, arti li taf tkun vasta li timraħ 'il fuq fid-dehra tiegħu.

Meta ġejt sabiex naħdem arloġġ għall-każin tal-banda tagħna, iddeċidejna illi naħdmu wieħed ta' livell. Imxejna fuq wieħed rikk bil-bażi kollu deheb u disinni impittra fuqu. Disinni assoċjati mal-għaqda mużikali. Għall-parti tan-nofs għażilna xena simili ħafna għall-arma l-antika t'Għajnsielem ċioe dik tal-għajn. Nittama illi din l-opra tal-arti tkun ta' unur għas-soċjetà mużikali tagħna.

Ta' Miena
DISCOUNT SUPERMARKET

**Opening Hrs:**

Mon - Fri 7.00 am - 7.00 pm
Sat 7.00 am - 8.00 pm

Shore Street, Mgarr - Gozo
Tel: 21551447
Fax: 2155 3447
Email: ajhili@onvol.net.mt

***Best prices guaranteed, and coupons can be exchanged with household goods and appliances***